MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**SAVIOUR DEMICOLI**

Seduta tas-6 ta' Lulju, 2011

Numru 985/2009

**Il-Pulizija**
**(Spettur Therese Sciberras)**

**vs**

**MATTHEW CARTER**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet li permezz taghhom Matthew Carter ta 21 sena mwieled 26/11/1988 Pieta bin Malcolm James u Maria Dolores nee Camilleri u residenti f' Cardona Flats no1 Triq it-Turisti Bugibba detentur tal-karta tal-identita numru ID 560288M gie akkuzat talli, f' dawn il- Gzejjer u cioe Bugibba San Pawl il-Bahar fil-lejl ta bejn is- 17 u 18 ta Settembru 2009 f'xi hin bejn is- sitta ta filghaxija u s-saghtejn ta filghodu ikkommetta serq liema serq huwa ta

valur aktar minn 23 euros u inqas minn 2300 euro ghad-detriment ta terzi persuni liema serq huwa ikkwalifikat bil-valur, bil-hin u bil- mezz.

U aktar talli fl-istess jum, hin, lok u cirkostanzi, ikkaguna hsarat volontarji, liema hsarat jammontaw ghal Euro 316.08 ghad-dannu ta' Dolmen Hotel, San Pawl il-Bahar.

U aktar talli sar recediv b'diversi sentenzi mghotija mill Qorti ta Malta

Semghet provi.

Rat l-atti u d-dokumenti esebiti.

Rat il-kunsens tal-Avukat Generali li jinsab esebit a fol. 4 tal-Process u nnutat li l-imputat Matthew Carter m'ghandux oggezzjoni li l-kaz tieghu jigi trattat bi procedura sommarja.
Innutat li fil-Verbal tas-Seduta tallum l-Ufficjal Prosekutur iddikjarat li nkwantu ghall-akkuza tar-recidiva migjuba kontra l-imputat, din l-akkuza tirrigwarda biss l-artikolu 289 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Innutat li fis-Seduta tallum l-imputat iddikjara li hu hati tal-akkuzi kollha migjuba kontra tieghu.

Il-Qorti wissiet lill-imputat bl-aktar mod solenni rigward il-konsegwenzi tal-ammissjoni tieghu u taghtu ftit taz-zmien sabiex jiddeciedi jekk jikkonfermax l-ammissjoni tieghu jew le, u wara li gie mistoqsi jekk jikkonfermax l-ammissjoni tieghu jew le, l-imputat wiegeb li hu hati tal-akkuzi kollha migjuba kontra tieghu.

Semghet trattazzjoni dwar il-piena.

Rat l-artikoli 17, 31, 261(b), (c) u (f), 263, 267, 270, 278(3), 279(a), 280(2), 289 u 325(1)(b) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Issib lill-imputat Matthew Carter, fuq ammissjoni, hati tal-akkuzi kollha migjuba kontra tieghu u tenut kont ic-

cirkostanzi kollha tal-kaz u wara li rat l-artikoli 28A u 28B tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta’ Malta tikkundanna lill-imputat Matthew Carter ghall-piena komplessiva ta’ sentejn (2) prigunerija u tordna li din is-Sentenza nkwantu ghall-piena ta’ prigunerija ma ghandhiex tibda ssehh hlief jekk matul il-perjodu ta’ erba’ (4) snin millum l-imputat Matthew Carter jikkommetti reat iehor punibbli bi prigunerija.

Finalment il-Qorti qed taghti lill-imputat Matthew Carter l-ispjegazzjoni preskritta fis-subartikolu 28A(4) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta’ Malta.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------